# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 26/2021 BS**

**LHD**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tas-7 ta' Marzu 2022 ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-imsiefer ZA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi LHD illi ppremettiet:**

1. Peress illi l-attriċi hija omm ta' żewġt itfal li hija kellha mir-relazzjoni tagħha mal-konvenut ZA;

2. Illi ż-żewġt itfal huma:

   **ZA**, ta' tmintax-il sena u li twieldet fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2003 fl-Awstralja;

**AA**, ta' tlettax-il sena u li twieled fit-tletin (30) ta' Jannar 2008 fl-Awstralja u bil-karta tal-identità Maltija numru 169179(A).

3. Illi l-attriċi llum hija divorzjata minn mal-konvenut ZA liema divorzju ngħata b'digriet tal-Qorti tal-Familja fl-Awstralja tad-19 ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016);

4. Illi l-attriċi ilha li tilfet kull kuntatt mal-konvenut u missier uliedha għal aktar minn sitt snin. Fil-fatt dan l-anqas biss kien ipparteċipa fil-proċeduri għal divorzju u baqa' kontumaċi. L-omm ma tafx il-missier x'sar minnu u dan la qatt wera x'interess f'uliedu u wisq anqas qatt ħallas manteniment għalihom;

5. Illi issa l-attriċi ilha għal dawn l-aħħar ħames snin u aktar tieħu ħsieb l-minuri weħidha u għal dawn l-aħħar ħames (5) snin fil-gżejjer Maltin. Hija tieħu ħsieb l-bżonnijiet kollha tagħhom;

6. Peress illi l-attriċi intavolat rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni tal-Familja liema rikors ġie ppreżentat fid-disgħa (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u jġib in-numru 10/2017JVC;

7. Illi dan ir-rikors ġie milqugħ permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fis-disgħa (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u liema fejn it-talba tal-esponenti ġiet milqugħha proviżorjament u b'hekk l-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet fdata f'idejn l-istess esponenti;

8. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors ġuramentat biex din il-kura u kustodja tgħaddi b'mod permanenti f'idejn l-esponenti.

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1) tiddikjara illi l-attriċi qed tieħu ħsieb iż-żewġ ulied ZA u l-minuri AA weħidha u ilha issa tieħu ħsiebhom f'dawn il-gżejjer għal dawn l-aħħar ħames (5) snin;

2) konsegwentament takkorda l-kura u kustodja taż-żewġt ulied wieħed minuri u ċjoè ZA u AA esklussivament f'idejn l-attriċi.

Bl-ispejjeż.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut nomine li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Grech nomine illi eċċepixxa:**

1. Illi huwa ġie nominat bħala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu, 2022 bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-imsiefer ZA;

2. Illi, sal-lum il-ġurnata l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti u dana stante illi huwa ma għandux kuntatt mal-istess persuni u lanqas ingħata ebda indikazzjoni ta' kif jista' jikkuntattja lill-istess persuni;

3. Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħed minn issa jirriżerva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji matul il-kawża skont il-liġi.

Il-Qorti;

Rat li l-attriċi permezz ta' rikors tal-15 ta' Ottubru 2021 talbet għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jiġi rappreżentat il-konvenut ZA[1];

[1] A fol 6 tal-proċess

Rat li permezz ta' digriet tad-29 ta' Diċembru, 2022, it-talba tagħha ġiet milqugha[2];

Rat li permezz ta' digriet tas-7 ta' Marzu, 2022, ġie nominat Dr Joseph Grech bħala Kuratur Deputat u dana billi ħadd ma aċċetta l-bandu[3];

Semgħet ix-xhieda tal-attriċi tal-10 ta' Mejju, 2022;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob lill-Qorti tiddikjara li hija ilha tieħu ħsieb uliedha minuri għal dawn l-aħħar ħames (5) snin u għalhekk talbet li tingħata l-kura u kustodja esklussiva tagħhom. Tgħid li hija kisbet id-divorzju minn ma' żewġha fl-Awstralja fis-19 ta' Ġunju, 2016 u llum lanqas taf x'sar mill-eks-raġel tagħha billi ma hemm l-ebda kuntatt miegħu.

L-attriċi xehdet li missier il-minuri ilu nieqes minn ħajjet uliedu għal dawn l-ahhar seba' (7) snin u għalhekk il-piż kollu tat-trobbija tal-ulied qed jinġarr kollu kemm hu minnha. L-attriċi tixhed li ma hemm l-ebda kuntatt tal-missier mal-ulied u lanqas ma jirriżulta li dan għamel xi tentattiv sabiex jistabbilixxi xi tip ta' kuntatt ma wliedu. Tgħid ukoll li t-tifla llum hija maġġorenni u għalhekk it-talba tagħha hija limitata biss għall-minuri AA.

**Ikkunsidrat:**

Rigward il-kura u kustodja il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess*

[2] A fol 8 tal-proċess
[3] A fol 21 tal-proċess

*tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment"*.[4]

Ingħad ukoll li *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.[5]

Minn qari ta' ġurisprudenza fejn il-materja li tirrigwarda il-kura u kustodja ġiet mgħarbula sew joħroġ ċar kemm il-qrati dejjem qiesu li apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, il-prinċipju dominanti li jrid jiġi mħares meta jkun qed isir l-eżercizzju evalwattiv dwar min mill-ġenituri għandu jingħata l-kura u l-kustodja tal-ulied huwa dak tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u *de facto* li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut. Il-Qorti tisħaq illi l-kura u kustodja tal-ulied hija responsabbilità li jridu jġorru l-ġenituri, li l-mira tagħhom għandu jkun il-benessere tal-ulied. Dan ifisser li l-Qorti trid tara x'jgħodd għall-ulied u mhux l-esiġenzi u l-htiġijiet tal-ġenituri billi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri.[6]

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u wara li qieset ix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi tqis li deċiżjonijiet kollha rigward l-ulied illum teħodhom l-omm fl-assenza totali tal-missier u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tagħha u dana fl-interess suprem tal-minuri.

**Decide**

---

[4] Jennifer Portelli pro et noe -vs- John Vella, Prim Awla, deċiza 25 ta' Ġunju, 2003

[5] Sue Ellen Lawless -vs- Il Reverendo George Lawless, Prim Awla, deċiża 8 ta' Diċembru, 1858

[6] Francis Farrugia -vs- Duncan Caruana, Prim Awla, deċiża 31 ta' Mejju, 2017

1. Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi in toto u filwaqt li tiddikjara illi l-attriċi qed tieħu ħsieb iż-żewġt ulied tagħha weħidha u ilha tagħmel hekk għal dawn l-aħħar ħames (5) snin;

2. Billi ZA illum hija maġġorenni, takkorda l-kura u kustodja fil-konfront tal-minuri AA esklussivament f'idejn l-attriċi.

Spejjeż a karigu tal-attriċi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur